MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Appell Civili Numru. 31/1988/4

**John Haber u b'digriet tad-9 ta' Gunju 2010**
**stante l-mewt tal-istess John Haber fil-mori tal-kawza,**
**il-gudizzju gie trasfuz f'isem martu Josephine Haber**

**v.**

**In-Nutar Dottor Emanuel G. Cefai**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tal-konvenut minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri,

Gurisdizzjoni Generali fl-4 ta’ Gunju 2008 li laqghet it-talbiet attrici u llikwidat il-kumpens gust dovut lill-attur mill-konvenut, skont il-kuntratt ta' divizjoni li sar bejn il-kontendenti fis-6 ta' Gunju 1987 in atti Nutar Dottor Eugene Montanaro, fis-somma ta' elf tmien mija disgha u sittin lira maltija u disgha u tletin centezmu (Lm1,869.39), pari llum ghal erbat elef tliet mija hamsa u hamsin ewro u sebgha u sittin centezmu (Euro4,355.67). Bl-ispejjez, apparti dawk gia` decizi fis-sentenza preliminari taghha tas-26 ta' Frar 1993, kontra l-konvenut.

Ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell, il-Qorti qeghdha tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:
“Il-Qorti,

“Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta:

“Illi permezz ta’ kuntratt tas-sitta (6) ta’ Gunju tal-elf disa’ mija u sebgha u tmenin (5.VI.1987) fl-atti tan-Nutar Dottor Eugene F. Montanaro, il-kontendenti kienu qasmu bejniethom “inter alia” porzjon art imsejha “Tax-Xlendi” fix-Xlendi, limiti Kercem, Ghawdex, bil-kejl ta’ cirka elf hames mija u sittin metri kwadri (1560m.k.) li tmiss mill-grigal ma’ beni tal-gvern Civili, mill-majistral u lbic ma’ beni tal-patrijiet Karmelitani jew l-aventi causa taghhom u mix-xlokk ma’ Rabat Road;

“Illi fuq din il-proprjetal-atturi kienu bnew xi flats u qablu illi kellu jithallas appogg skont il-ligi rapprezentanti l-valur tal-hajt mill-livell tal-qatran ‘il fuq;

“Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet il-konvenut qieghed jirrifjuta li jersaq bonarjament ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ dan id-debitu.

“Talab lill-konvenut jghid ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

“1. tillikwida permezz ta’ perit nominat ghal dan il-ghan il-kumpens gust dovut skont il-kuntratt imsemmi u cioe` il-

hlas dovut lill-attur mill-konvenut wara li jitnaqqas dak dovut mill-attur lill-konvenut.

“2. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat.

“Bl-ispejjez .

“Il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qieghed jigi ngunt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-attur debitament mahlufa minnu.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi:

“1. Illi l-azzjoni odjerna hija wahda intempestiva, frivola u purament vessatorja u bhala tali hija ghalhekk irrita u nulla.

“2. salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut mahlufa minnu.

“Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Marzu 1989 fejn innominat lil-A.I.C. David Pace bhala perit tekniku.

“Rat is-sentenza preliminari taghha tas-26 ta' Frar 1993 dwar l-eccezzjoni tal-konvenut li din il-kawza kienet intempestiva.

“Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Jannar 1997 fejn issostitwiet lil A.I.C Pace bl-A.I.C. Richard Aquilina fl-istess inkarigu.

“Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku pprezentata fit-2 ta' April 2007 u minnu mahlufa fid-9 ta' Novembru 2007.

“Rat il-verbal taghha tas-16 ta' Jannar 2008 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza.

“Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

“Ikkunsidrat:

“Illi permezz ta' din il-kawza l-attur qed jitlob il-kumpens dovut lilu mill-konvenut ghal appogg li sar ma' proprjeta' tieghu fix-Xlendi, u dan skont kundizzjoni stipulata f'kuntratt ta' divizjoni li kien sar bejn il-kontendenti fis-6 ta' Gunju 1987 fejn fil-klawsola (12) kien gie miftiehem illi: "rigward l-appoggi u cioe` dawk rigwardanti l-appogg tal-Plot "Ag" mal-plot "Ad", tal-Plot "Ad" mal-Plot "Ag" u tal-Plot "Ag" mal-Plot "Ah", dawn jitkejlu mill-qatran ‘il fuq u jsir il-hlas minn min ikun dovut skont il-ligi."[1]| Il-konvenut, apparti l-eccezzjoni tal-intempestivita', li giet deciza bis-sentenza preliminari taghha gia msemmija, ma ressaq ebda eccezzjoni fil-mertu.

“Il-perit tekniku l-A.I.C Richard Aquilina, wara li zamm diversi seduti u accessi fuq il-post, u gie pprezentat bil-kalkoli tal-appogg dovut li kienu gew mahduma mill-attur,[2] deherlu li l-istess kalkoli kienu gustifikati, u ghalhekk illikwida l-ammont dovut mill-konvenut ghal dan l-appogg, bil-mod segwenti:

| | |
|---|---|
| “Ghal kont Dok. JH 1 somma ta' : | Lm 618.35 + |
| Ghal kont JH 2 somma ta' : | Lm1251.04 |
| Ghal total ta' : | Lm1869.39 |

“ - elf tmien mija disgha u sittin lira maltija u disgha u tletin centezmu.[3]

“Billi din hija kwistjoni ta' natura purament teknika, l-Qorti jidhrilha li m'ghandu jkun hemm ebda raguni ghaliex m'ghandhiex toqghod fuq il-konkluzjonijiet peritali u taghmilhom taghha.

“Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u:

[1] Ara kopja tal-kuntratt in atti Nutar Eugene Montanaro tas-6.06.1987 esebit bħala Dok. A mac-citazzjoni a fol. 21 tal-process.
[2] Dok. JH1 a fol. 350 - 351 u Dok.. JH2 a fol. 352 - 356.
[3] Ara rapport peritali a fol. 338 tal-process.

"1. tillikwida l-kumpens gust dovut lill-attur mill-konvenut, skont il-kuntratt ta' divizjoni li sar bejn il-kontendenti fis-6 ta' Gunju 1987 in atti Nutar Dottor Eugene Montanaro, fis-somma ta' elf tmien mija disgha u sittin lira maltija u disgha u tletin centezmu (Lm1869.39), pari llum ghal erbat'elef tliet mija hamsa u hamsin ewro u sebgha u sittin centezmu (Euro 4355.67).

"Bl-ispejjez, apparti dawk gia decizi fis-sentenza preliminari taghha tas-26 ta' Frar 1993, kontra l-Konvenut."

**L-appell tal-konvenut**

Il-konvenut hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, tal-4 ta' Gunju 2008, u interpona dan l-appell permezz ta' rikors datat 20 ta' Gunju 2008, liema rikors huwa mibni fuq ghadd ta' aggravji u cioe`:-

1. Illi s-sentenza tal-ewwel Qorti hija nulla ghaliex fil-fazi finali taghha kisret il-principju tal-*audi alteram partem* stante li l-esponent gie mcahhad mid-dritt li jezamina r-rapport u li jaghmel l-osservazzjonijiet tieghu a tenur tal-Artikolu 637 tal-Kap. 12;

2. Illi huwa gie mcahhad mid-dritt li jeskuti l-perit tekniku mahtur mill-Qorti ai termini tal-Artikolu 680 tal-Kap. 12;

3. Illi rikors intavolat minnu fit-23 ta' Mejju 2008 sabiex titwaqqaf is-sentenza, isiru sottomissjonijiet u sabiex il-process jitqieghed a disposizzjoni tieghu qatt ma gie akkordat;

4. Illi s-sentenza tal-ewwel Qorti hija *extra petita* u kwindi nulla stante li tat kumpens lill-attur izjed minn dak li ntalab fic-citazzjoni;

5. Illi l-istess sentenza hija *ultra petita* u kwindi nulla stante li gie likwidat kumpens ghall-hitan iktar minn dak mitlub fic-citazzjoni.

6. Illi l-Perit tekniku m'ghamilx ezercizzju ta' kompensazzjoni u ghalhekk ma ezawriex l-inkarigu kollu lilu moghti meta ma naqqasx l-ammonti dovuti lill-esponent kif kien tenut jaghmel bl-ewwel talba tal-istess attur u ma kkunsidrax l-ispejjez ghal xoghol hazin.

7. Illi s-sentenza tal-ewwel Qorti hija msejsa fuq rapport peritali li ma jissodisfax il-vot tal-Artikolu 665 (1) in kwantu ma jispjega xejn dwar x'investigazzjonijiet saru u r-ragunijiet wara l-konkluzjoni peritali. L-esponenti ghalhekk qajjem eccezzjoni perentorja a tenur tal-Artikolu 732(1) tal-Kap. 12 f'dan is-sens.

8. Illi b'mod subordinarju ghall-aggravji precedenti, l-appellant issottometta illi kieku kellu jkun hemm talba ghal hlas tar-raba hajt din it-talba llum hija milquta bil-preskrizzjoni tal-hames snin skont Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili.

Ghalhekk l-appellant tallab li din il-Qorti tirrevoka u tannulla s-sentenza surreferita, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

**Ir-risposta tal-attur**

Illi permezz ta' risposta datata 16 talulju 2008 l-attur rrisponda billi ssottometta in succint is-segwenti:-

1. Illi fir-rigward tan-nuqqas tal-konvenut li jara r-rapport tal-Perit Tekniku, jekk dan verament ma rahx, ma jahti ghalih hadd hlief il-konvenut innifsu;

2. Illi stante li la l-konvenut u lanqas il-legali tieghu ma kienu prezenti ghas-seduta fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza, l-ewwel Qorti ma kellha ebda tort li pprocediet biex tibghat il-kawza ghas-sentenza;

3. Fir-rigward tar-rikors tat-23 ta' Mejju 2008 dan gie pprezentat biss ftit jiem qabel nghatat is-sentenza, fi stadju meta kien ovvju li l-process tal-kawza kien jinsab ghand il-Magistrat biex tinghata s-sentenza u ghalhekk kien ovvju li l-istess rikors ma kienx se jigi akkordat;

4/5.Illi l-appellant huwa zbaljat meta jghid li l-Qorti ddecidiet *ultra petita* u *extra petita* stante li hu ma gab l-ebda prova kuntrarja ghal dak li gie sottomess mill-appellat, anzi fis-seduta tas-17 ta' Jannar 1998 iddikjara li m'ghandux provi xi jressaq fuq il-mertu.

6. Fir-rigward ta' tpacija mal-kreditu pretiz mill-appellant, l-appellat isostni li ladarba l-appellant ma gabx provi dwar dak li skont hu kien dovut lilu, kemm il-Perit Tekniku u kif ukoll l-ewwel Qorti ma kellhomx jikkunsidraw dawn ic-cirkostanzi qabel jipprocedu ghad-decizjoni taghhom.

7. Fir-rigward tal-aggravju illi r-rapport peritali kien nieqes minn spjegazzjoni dwar x'investigazzjonijiet saru, l-appellat isostni li jirrizulta car illi l-Perit Tekniku qeda d-doveri tieghu wara li ha in konsiderazzjoni l-provi prodotti u wara li ha hu stess il-qisien mehtiega biex jivverifika l-kontijiet.

8. Fir-rigward tal-preskrizzjoni kwinkennali ghal dak li jirrigwarda r-raba hajt, l-appellat isostni li t-talba tieghu fic-citazzjoni saret b'mod generali fir-rigward tal-hlas ghall-appoggi kollha.

9. Fir-rigward tat-talba ghall-produzzjoni ta' provi f'dan l-istadju, l-appellat isostni li m'hemm l-ebda cirkostanzi straordinarji li jiggustifikaw tali talba f'dan l-istadju.

10. Rigward l-ispejjez tal-kawza, anke jekk din il-Qorti ssib li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija nulla, zgur li hu m'ghandux ibati ghal dan in-nuqqas billi mhux kontestat li hemm hlas li jrid isir lilu u kienet in-non partecipazzjoni tal-konvenut f'din il-kawza li gabet din is-sitwazzjoni.

11. Fir-rigward tal-eccezzjoni ta' intempestivita` tal-azzjoni l-appellat isostni li kien l-istess komportament tal-appellant li wasslu ghall-intavolar ta' din il-kawza.
Ghalhekk l-appellat talab li din il-Qorti tichad l-appell bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellanti.

**Fatti tal-kawza**

Permezz ta' kuntratt tas-6 ta' Gunju tal-1987 fl-atti tan-Nutar Dottor Eugene F. Montanaro l-partijiet qasmu porzjon art imsejha "Tax-Xlendi", fix-Xlendi, limiti ta' Kercem, Ghawdex. Skont klawsola 12 tal-istess, il-partijiet ftehmu "…*illi rigward l-appoggi u cioe` dawk rigwardanti l-appogg tal-Plot "Ac" mal-plot "Ad", tal-Plot "Ad" mal-Plot "Ae" u tal-Plot "Ae" mal-Plot "Ah", dawn jitkejlu mill-qatran il-fuq u jsir il-hlas minn min ikun dovut skont il-Ligi;"*.

Illi ghalkemm il-konvenut in principju jaqbel li ghandu jhallas ghall-appoggi, huwa qieghed jikkontesta l-fatt li l-hlas dovut huwa ghal tliet appoggi u mhux ghal erbgha u wkoll li kellu jkun hemm tpacija ma' appoggi dovuti lilu u ghal xoghol hazin li sar fuq l-istess appoggi mertu tal-kawza.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

<u>Sentenza Preliminari</u>

Permezz ta' sentenza preliminari datata 26 ta' Frar 1993 l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni mressqa mill-konvenut dwar l-intempestivita` tal-azzjoni. Din is-sentenza preliminari giet sussegwentement appellata pero` l-istess appell gie dikjarat dezert. Sussegwentement il-konvenut qatt ma talab li jressaq xi eccezzjoni ohra fil-mertu u kwindi l-eccezzjonijiet tieghu kienu gew ezawriti stante li l-eccezzjoni preliminari kienet l-unika eccezzjoni li ressaq fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu.

<u>Rikors tas-17 ta' Novembru 2010</u>

Illi stabbilit dan, qabel ma' din il-Qorti titratta *seriatim* l-aggravji tal-appellant, sejra titratta r-rikors ipprezentat minnu fis-17 ta' Novembru 2010. Bazikament f'dan ir-rikors l-appellant qieghed jitlob is-segwenti lil din il-Qorti u cioe`:-

1. Tisma' l-eccezjoni/jiet li tinghata/jinghataw f'dan l-istadju tal-appell; u ghaldaqstant l-appellant ikun awtorizzat li jgib provi, u jgib evidenza ohra in sostenn tal-eccezzjoni/jiet tieghu; u

2. Ikun awtorizzat itella' x-xhieda opportuni; u cioe` xhieda in konnessjoni ma' kull aggravju, u ghalhekk huwa jitlob illi jsiru dawk is-seduti opportuni ghas-smiegh ta' dawn ix-xhieda;

3. Wara li jinstemghu x-xhieda jinghata zmien ragjonevoli biex ikun jista' jaghmel noti ta' sottomissjonijiet fuq l-aspetti diversi tal-kawza in kwistjoni.

Din il-Qorti kienet talbet lill-appellant jindika min huma x-xhieda li qieghed jippretendi li ghandu jipproduci f'dan l-istadju u l-oggett tal-prova li jrid jaghmel bihom. L-appellant indika dak mitlub u l-appellat oppona ghall-produzzjoni ta' dawn ix-xhieda ghar-ragunijiet minnu espressi fil-verbal tal-istess seduta.

Din il-Qorti ezaminat il-kondotta tal-appellant fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti minn fejn jirrizulta illi qabel ma gie pprezentat ir-rikors tat-23 ta' Mejju 2008, l-ahhar darba li l-istess appellant kien deher quddiem l-istess Qorti, proprjament f'seduta li nzammet mill-Perit Tekniku, kien fit-18 ta' Ottubru 1997, u cioe` kwazi hdax-il sena qabel. Mit-18 ta' Ottubru 1997 'l quddiem l-appellant qatt ma kien prezenti ghal xi seduta quddiem il-Perit Tekniku jew quddiem l-ewwel Qorti. Di piu` f'verbal maghmul mid-difensur tal-appellant quddiem il-Perit Tekniku fis-17 ta' Jannar 1998 gie dikjarat illi ***"l-istess konvenut qieghed jaccetta li hu debitur fil-konfront tal-attur ta' kumpens ghall-appoggi minnu ezercitati mal-hajt divizorju f'bini go Triq ir-Rabat, Xlendi, kif imsemmija fic-citazzjoni.***

***Jiddikjara wkoll li m'ghandux provi xi jressaq fuq dan il-mertu."*** (fol 347).

Permezz ta' nota pprezentata fit-13 ta' April 2000, l-appellat ipproduca l-kontijiet tal-kumpens ghall-appogg minnu pretiz u mertu tal-kawza, liema nota u konteggi gew notifikati lill-appellant fit-18 ta' April 2000. Illi ghalhekk certament l-appellant ma jistax issa jghid li hu ma kienx jaf li l-appellat kien qed jippretendi kumpens ghal **erba'** hitan u mhux ghal tlieta. Anke jekk dawn il-konteggi gew ipprezentati wara li l-appellant ghalaq il-provi tieghu, hu qatt ma ressaq xi rikors biex ikun jista' jikkontesta tali kontijiet. Fil-fatt fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2001 id-difensur precedenti tal-appellant ivverbalizza li hu ghamel diversi tentattivi biex jikkomunika mal-appellant permezz tat-telephone, izda dawn it-tentattivi rrizultaw fin-negattiv.

Illi minn dan kollu jirrizulta illi l-appellant, fil-hin propizju, wera negligenza u indifferenza fil-prosegwiment ta' din il-kawza.

Kif irrimarkat il-Qorti fid-decizjoni taghha fl-ismijiet **Joseph Falzon –vs- Anthony Debono noe**, Appell Kummerc, 13 ta' Jannar 1975, "*ghall-finijiet procedurali hemm diversita` kbira bejn il-kaz fejn ma jinstemghux il-provi tal-konvenut minhabba cahda tad-debita opportunita` bhal meta jigi ngustament rifjutat is-smiegh tal-provi legittimi offerti minnu, jew meta l-proceduri inizjati kontra tieghu jigu prosegwiti minghajr ma jkun gie notifikat bihom, u ad insaputa tieghu, u bejn il-kaz, fejn minhabba nuqqas tieghu stess, jibqa' ma jgibx il-quddiem il-provi tieghu meta tkun giet moghtija lilu kull opportunita` li jgibhom. F'dan l-ahhar kaz "imputet sibi"*."

Ghalhekk l-appellant ma jistax javvanza l-lanjanzi msemmija fir-rikors tieghu tas-17 ta' Novembru 2010 ghaliex jekk kien hemm xi nuqqas, dan ma kien tort ta' hadd hlief tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikors tas-17 ta' Novembru 2010 qieghed jigi michud.

<u>Aggravji</u>

Il-Qorti sejra issa tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant kif kontenuti fir-rikors tal-appell tieghu:-

1. L**-ewwel aggravju** jitratta dwar il-fatt li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija nulla ghaliex fil-fazi finali taghha kisret il-principju tal-"*audi alteram partem*" u dan stante li wara li l-Perit Tekniku halef ir-rapport tieghu, l-istess Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza minghajr ma osservat id-dettami ta' Artikolu 673 tal-Kap 12.

Din il-Qorti tosserva illi l-appellant mhux gdid ghal proceduri legali. Infatti, f'appell mis-sentenza **Guido J. Vella A & C.E. v. Dr. Emanuel Cefai LL.D.** deciza fil-5 ta' Ottubru 2001, l-appellant odjern, li kien ukoll appellant f'dik il-kawza, avvanza aggravju identiku bhal dak in ezami. Dik il-Qorti kellha kliem iebes ghall-atteggjament tal-appellant li fixkel kemm felah il-proceduri. Fir-ritrattazzjoni mill-istess sentenza imbaghad l-appellant odjern gie kkundannat ihallas id-*doppie spese* stante li l-istess rikors ghal ritrattazzjoni kien wiehed frivolu u vessatorju.

Fir-rigward tal-kawza odjerna, din il-Qorti ssibha ferm difficli biex temmen il-verzjoni li jaghti l-appellant u cioe` li hu bl-ebda mod ma kellu access la ghar-rapport tekniku u lanqas ghall-process. Din il-Qorti hija perswaza li kieku l-appellant talab ghall-process, anke jekk dan kien ghand il-gudikatur, zgur kienet tinghatalu l-opportunita` li jarah. Dan il-konvinciment huwa rafforzat bil-fatt li minn Jannar 2008, meta l-kawza giet differita ghas-sentenza, ir-rikors biex tigi sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza sar biss fit-23 ta' Mejju 2008 u cioe` bejn erba' xhur wara li l-kawza thalliet ghas-sentenza u ftit jiem biss qabel l-ewwel Qorti kellha tghaddi ghall-prolazzjoni tal-istess sentenza. Kieku l-appellant ried ikollu l-opportunita` li jezamina r-rapport fil-hin u wkoll jaghmel l-osservazzjonijiet tieghu fuqu kellu jkun aktar kuranti tal-procediment tal-kawza u mhux jabbanduna l-istess kawza, tant li sahansitra anke l-avukat difensur precedenti tieghu kellu jivverbalizza li ma

rnexxilux jikkomunika mieghu[4]. B'referenza ghall-Artikolu 673 tal-Kap. 12 (imnizzel bhala Artikolu 637 fir-rikors tal-appellant) dan jghid li l-partijiet ghandhom jinghataw zmien biex jezaminaw ir-rapport u biex jaghmlu l-osservazzjonijiet taghhom fuqu **jekk dan ikun mitlub mill-istess partijiet.** It-test Ingliz forsi huwa iktar car f'dan is-sens ghaliex jghid "*The Court shall allow the parties time to consider the report and to make their submissions thereon."* Fin-nuqqas ta' talba specifika f'dan il-kaz mill-konvenut ghall-ezami tar-rapport u kwalunkwe osservazzjonijiet fuqu, ma kien hemm xejn x'jipprekludi lill-ewwel Qorti li tghaddi ghall-prolazzjoni tas-sentenza. Ghaldaqstant din il-Qorti ma ssib xejn censurabbli fl-agir tal-ewwel Qorti.

Illi din il-Qorti tosserva illi l-appellant donnu addotta komportament, nonostante dak li ntqal fis-sentenza precitata, fejn qieghed jippretendi li kawza titmexxa skont kif u meta jidhirlu hu u mhux skont il-ligi tal-procedura.

Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed jigi michud.

2. Permezz tat-**tieni aggravju** l-appellant jilmenta li gie mcahhad mid-dritt li jeskuti l-perit tekniku ai termini tal-Artikolu 680 tal-Kap. 12. Madankollu din il-Qorti ma tara xejn irregolari fl-agir tal-ewwel Qorti. L-Artikolu 680 tal-Kap. 12 jaghti l-fakolta` lill-partijiet li jistghu jezaminaw u jikkontro-ezaminaw lill-perit tekniku. Ladarba l-appellant ghazel li ma jkunx prezenti ghas-seduta tas-16 ta' Jannar 2008 fejn l-ewwel Qorti nnutat li r-rapport peritali kien mahluf, allura ma jistax issa jilmenta li ma nghatax l-opportunita` tal-eskussjoni. Ta' min jinnota li qatt qabel ir-rikors tal-appell l-appellant ma wera specifikatament interess li jeskuti l-perit u li kieku verament kien interessat li jeskuti l-perit, ma kienx ihalli snin jghaddu qabel ma jerga' jiehu xi tip ta' azzjoni. Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed jigi michud.

3. It-**tielet aggravju** tal-appellant huwa illi r-rikors tieghu tat-23 ta' Mejju 2008 fejn talab lill-ewwel Qorti biex

---

[4] Ara verbal tas-17 ta' Novembru 2001 a fol. 347

titwaqqaf il-prolazzjoni tas-sentenza, isiru sottomissjonijiet u li l-process jitqieghed a disposizzjoni tieghu qatt ma gie akkordat. Din il-Qorti ezaminat dak ir-rikors u ma ssib l-ebda gustifikazzjoni ghala l-istess rikors gie pprezentat daqshekk tard. Ir-raguni li ta l-appellant ghaliex hu dam ma ha konjizzjoni tar-rapport hija ghal kollox inverosimili. L-appellant isostni li r-rapport kien intbaghat lill-avukat precedenti tieghu li peress li gie appuntat Assistent Gudizzjarju ma setax jottjenih minghandu, haga li din il-Qorti ma tqisx kredibbli. Fi kwalunkwe kaz, jekk verament ir-rapport rah biss ftit jiem qabel ma l-ewwel Qorti ippronunzjat ruhha, dan ghal darb’ohra ma kien tort ta’ hadd hlief tal-istess appellant meta kellu hames xhur shah biex jaghmel dan. Ghaldaqstant fil-fehma ta’ din il-Qorti ma kien hemm ebda l-icken possibbilita` li r-rikors tal-appellant jigi milqugh fl-istadju inoltrat li gie prezentat u ghalhekk il-fatt li r-rikors intavolat mill-appellant ftit jiem qabel ma l-ewwel Qorti kellha tghaddi ghas-sentenza ma giex degretat ma kien se jbiddel proprju xejn mill-ezitu tal-istess sentenza. Ghalhekk dan l-aggravju qieghed jigi michud.
`

4. Ir-**raba’ aggravju** tal-appellant hu fis-sens illi l-Qorti addottat il-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku li rrelata fuq **erba’** hitan mentri fi klawsola 12 tal-kuntratt imsemmi fic-citazzjoni attrici hemm indikati **tlett** hitan. Ghaldaqstant is-sentenza tal-ewwel Qorti kienet *extra petita* u kwindi s-sentenza hija nulla ai termini tal-Artikolu 790 tal-Kap. 12.

Ikun hemm l-*extra petita* jew l-*ultra petita* meta tigi sostitwita ghall-azzjoni jew ghad-domanda avvanzata mill-attur azzjoni jew domanda ohra li minnu ma gietx proposta, jew meta d-decizjoni tmur aktar ’l hinn mid-domanda jew azzjoni avvanzata. Is-sentenza ghalhekk ghandha tirrispekkja dik it-talba konsiderata d-domanda riferibbilment ghall-provi prodotti u ghall-principji tad-dritt applikabbli ghalihom u tenut kont tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Illi tajjeb li jigi ccarat illi fil-korp tac-citazzjoni ma jissemma’ l-ebda numru ta’ hitan. Huwa veru li fl-istess korp issir referenza ghall-fatt li l-partijiet kienu qablu illi kellu jithallas

l-appogg skont il-ligi pero` bl-ebda mod ma l-appellat illimita t-talba tieghu ghal tlett hitan. Fil-fatt l-istess appellat ipprezenta skizz li jirrifletti l-qisien tal-appoggi mertu tal-kawza u kif ukoll il-konteggi ghall-istess, liema skizzi u konteggi **qatt** ma gew ikkontestati mill-appellat, ghalkemm notifikati lill-appellant, liema konteggi del resto kienu jinkludu **erba'** hitan. Ghalhekk l-ewwel Qorti ma marritx oltre t-talbiet tal-attur peress li kif diga` inghad l-istess attur ma rabatx it-talba tieghu ma' xi numru specifiku ta' hitan, liema numru pero` hareg car fil-provi prodotti minnu. Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed jigi michud.

5. Fil-**hames aggravju** tieghu l-appellant jilmenta dwar il-likwidazzjoni ghar-raba' hajt tal-appogg peress li skont hu, it-talba kienet ghal-likwidazzjoni ta' tliet hitan. Ghaldaqstant is-sentenza hija *ultra petita* u kwindi nulla.

Din il-Qorti taghmel referenza ghar-ragunament espress fir-rigward tar-raba' aggravju u ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed jigi wkoll michud.

6. Bis-**sitt aggravju** tieghu l-appellant jattakka l-ezercizzju esegwit mill-Perit Tekniku fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-appoggi. Skont hu, il-Perit ma espletax l-inkarigu tieghu kollu stante li kellu jiehu in konsiderazzjoni dak li kellu jiehu l-appellant, oltre li fil-fehma tieghu kien hemm spejjez ohra x'jitnaqqsu minhabba xoghol hazin kommess mill-attur. Filwaqt li huwa minnu li l-istess attur, fl-ewwel talba tieghu, accenna ghall-fatt li l-konvenut kellu jiehu xi hlas fir-rigward ta' appoggi ohra, l-istess appellant qatt ma gab provi dwar dan. Certament tali prova kienet fl-interess tieghu u tispetta lilu u ma jistax jistenna li l-attur jaghmel din il-prova ghalih. Ghalhekk fin-nuqqas ta' tali prova, il-Perit Tekniku ma kellux triq ohra hlief li jillikwida l-ammont shih favur l-appellat. Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed ukoll jigi michud.

7. **Is-seba' aggravju** jattakka r-rapport peritali stante li l-appellant jghid li dan ma jissodisfax il-vot ta' Artikolu 665 (1) in kwantu ma jispjega xejn dwar x'investigazzjonijiet saru u r-ragunijiet tal-konkluzjonijiet peritali. Minn ezami

tal-istess rapport, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Perit Tekniku adempixxa l-inkarigu tieghu skont il-ligi stante li hu stess ha l-qisien mehtiega biex jivverifika l-kontijietipprezentati mill-attur. Ta' min ifakkar li din hija kawza dwar hlas ta' appoggi u ghalhekk l-inkarigu principali tal-Perit Tekniku kien li jkejjel u jillikwida l-kumpens dovut, haga li l-istess Perit ghamel u wkoll ta r-ragunijiet tieghu ghall-konkluzjonijiet li wasal ghalihom. Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed ukoll jigi michud.

8. Illi b'mod subordinarju u alternattiv, l-appellant issolleva l-fatt li kieku kien hemm talba ghall-hlas tar-raba' hajt din kienet tkun preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan l-aggravju huwa pjuttost fieragh. Skont ix-xhieda tal-Avukat Dr. Anton Refalo il-bini fuq l-art in kwistjoni beda ghall-habta tal-1986.[5] Ghaldaqstant certament ma kinux iddekorrew il-hames snin preskritti mil-ligi ghall-estinzjoni tal-azzjoni sakemm giet intavolata l-kawza odjerna. Inoltre kif gia` inghad it-talba tal-appellant kif espressa fic-citazzjoni ma saritx fir-rigward ta' tlett hitan biss, izda saret b'mod generali fir-rigward tal-kumpens mitlub. Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed jigi wkoll michud.

Illi fl-ahharnett l-appellant talab li tigi riveduta l-likwidazzjoni tal-ammonti dovuta mill-partijiet lil xulxin rispettivament u dan anke billi jigi awtorizzat iressaq provi u eccezzjonijiet permessi a tenur tal-Artikoli 731 u 731 tal-Kap. 12.

Illi din il-Qorti tosserva li din it-talba hija inkorporata wkoll fir-rikors ipprezentat mill-appellant fis-17 ta' Novembru 2010 u ghalhekk taghmel referenza ghal dak li ntqal fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-istess rikors. Madankollu din il-Qorti terga' tirribadixxi illi l-esponent kellu kull opportunita` li javvanza dak li qieghed jippretendi li jaghmel illum. Kif ta' spiss kellha l-okkazjoni tirribadixxi din il-Qorti, dan l-istadju huwa wiehed ta' revizjoni u din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tiddisturba l-*iter* tal-process kif stabbilit bil-ligi, billi tippermetti l-produzzjoni ta' xhieda u

[5] a fol. 96

provi ohra. Kien jispetta lill-appellant li jutilizza l-mezzi kollha ta’ difiza lilu moghtija fil-ligi fil-mument opportun. Jekk dan l-*iter* processwali jigi issa ddisturbat din il-Qorti thoss li ma tkunx saret gustizzja ma’ min mexa korrettement, u din il-Qorti m’ghandhiex tippermetti li dan isir bil-barka taghha. Di piu`, din il-Qorti taghlaq billi tissenjala l-fatt li l-konvenut huwa persuna li jezercita l-professjoni ta’ Nutar, li diga` kellu esperjenza li messu tghallem minnha minn kawza precedenti fejn fir-ritrattazzjoni tal-istess gie addebitat lilu operat procedurali abbuziv, u ghaldaqstant iktar minn kwalunkwe persuna ohra seta’ ha hsieb bl-ahjar mod possibbli l-interessi tieghu f’din il-kawza. Din il-Qorti mhix ser tippermetti li wara 23 sena fuq kawza dwar appogg u li wara kollox il-konvenut kien gia` accetta li ghandu jhallas, issa tigi dikjarata nulla biex terga’ tinbeda mill-gdid jekk mhux ghal ragunijiet legali mill-aktar gravi li ma jirrikorrux f’dan il-kaz. Inkella jkollu ragun jghid il-konvenut li “jekk inti ma tridx thallas idhol il-Qorti”. (ara fol. 187).

Ghaldaqstant din it-talba qeghdha wkoll finalment tigi michuda.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-appell qieghed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

L-ispejjez ta’ dan l-appell ghandhom jithallsu mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------